

# Birkirkara fl-1837 (175 sena ilu)
## Is-sena li fiha l-vara ta' Sant'Elena daħlet fil-Kolleġġjata Elenjana

*Minn Winston L Zammit, BA Hons, PGCE, MA*

Din is-sena l-Parroċċa Elenjana se tfakkar il-175 Anniversarju tal-miġja tal-vara titulari ta' Sant'Elena fil-Kolleġġjata Elenjana. Din il-vara, xogħol tal-iskultur Salvu Psaila, ġiet irregalata lill-Kolleġġjata Elenjana minn Ċensu Borg Brared, li kien il-kap tal-Battaljun ta' Birkirkara fi żmien l-Imblokk (1798-1800), ir-rappreżentant ta' Birkirkara fil-Kungress Malti (1799-1800) u l-logotenent ta' Birkrikara (1800-1804) (1)

Tajjeb li f'din iċ-ċirkustanza naraw kif kienet il-qagħda f'Birkirkara f'dik is-sena, u xi avvenimenti li seħħu fiha.

**Id-Deputat Logotenent**

F'dak iż-żmien kellna forma ta' Gvern Lokali. Il-Gvern Ingliż kien jaħtar uffiċċjal bl-isem ta' Deputat Logotenent, biex jieħu ħsieb it-tmexxija tar-raħal jew tas-subborg. Fl-1837 id-Deputat Logotenent ta' Birkirkara kien it-tabib Pawlu Borg, li kien ilu jmexxi lil Birkirkara mill-1818 (2). Huwa baqa' f'din il-kariga sakemm ġiet abolita fl-1839(3).

Fejn jidħlu servizzi tal-Gvern, dak iż-żmien Birkirkara kellha biss is-servizz tal-Pulizija (4). Il-bqija, Birkirkara bħall-irħula l-oħra ta' Malta, ma kellhiex skola primarja u servizz ta' tabib tal-Gvern, u l-anqas fanali tal-pitrolju biex idawwlu t-toroq bil-lejl.

Dwar servizzi privati, nafu biċ-ċert li f'dik is-sena (1837), Birkirkara kellha s-servizz ta' tabib privat, Pietro Paolo Borg (5).

**Il-Parroċċa Elenjana**

Fl-1837, il-Parroċċa Elenjana kienet ferm akbar milli hija llum, għax minbarra t-territorju ċivili ta' Birkirkara, illum maqsum f'erba parroċċi, kienet tinkludi parti mit-territorju tal-Hamrun u ta' Santa Venera, u t-territorju kollu fejn illum hemm il-parroċċi tal-Imsida, Gżira, l-erba' parroċċi ta' Tas-Sliema, Balluta, San Ġiljan, Pembroke, Swieqi, u San Ġwann. Il-parti l-kbira tan-nies kienu joqgħodu f'Birkirkara, iżda diġa' f'dak iż-żmien kien hemm komunitajiet żgħar fl-Imsida li saret Viċi-Parroċċa fl-1835, f'tas-Sliema u San Ġiljan (6).

Il-kap tal-Parroċċa kbira ta' Birkirkara kien il-Kanonku Prepostu Arċipriet Dun Ġużepp Debono, li kien ħa f'idejh it-tmexxija tal-Parroċċa fl-1833 (7). Il-Prepostu Debono kien ukoll il-Preminent

tal-Kapitlu Elenjan inwaqqaf fl-1630. Fost il-membri tal-kapitlu Elenjan fl-1837, insibu dawn il-kanonċi:
Il-Kantur Dun Kustanz Charbon
It-Teżorier Dun Vinċenz La Speranza
Il-Penitenzier Dun Franġisk Cardona
Il-Kanonku Ġwann Mamo Falzon
Il-Kanonku Dun Alwiġ Borg
Il-Kanonku Dun Ġwann Tonna
Il-Kanonku Nazju Bartolo
Il-Kanonku Anton Micallef
Il-Kanonku Kustanz Sant
Il-Kanonku Dun Ġużepp Pace
Il-Kanonku Mikiel Tonna
Il-Kanonku Franġisku Borg
Il-Kanonku Feliċ Grech (8)

**Kleru**
Iżda minbarra l-kanonċi, il-parroċċa Elenjana kellha numru ta' saċerdoti oħra li kienu Dun Franġisk Mallia, Dun Ġwakkin Vassallo, Dun Tumas Decelis, Dun Ġlormu Debono, Dun Kalċidon Debono, Dun Anton Gafa u Dun Gian Maria Scicluna (9).

Matul is-sena 1837, fost affarijiet oħra seħħew dawn l-avvenimenti ġewwa Birkirkara.

**8 t'April 1837**
Il-Kapitlu Elenjan tilef wieħed mill-membri tiegħu bil-mewt tal-Kanonku Dun Ġużepp Pace fl-eta' ta' 35 sena (10). Il-Kanonku Pace kien ġie ordnat saċerdot fit-2 ta' Diċembru 1828 (11) u ġie maħtur kanonku fl-1834 (12).

**21 ta' Mejju 1837**
Saret seduta tal-Kapitlu Elenjan u fiha ġie deċiż li l-vara titulari ta' Sant'Elena kellha tiddaħħal b'solennita' fil-Kolleġġjata Elenjana fit-13 ta' Awwissu 1837 permezz ta' purċissjoni li kellha ssir wara l-Għasar u l-Kumpieta, bil-parteċipazzjoni tal-Fratellanzi kollha (13)

**26-27 ta' Ġunju 1837**
F'Malta kien hawn imxija tal-kolera. Jidher li kien matul din il-ġimgħa li Birkirkara ntlaqtet minn din il-mixja. Tfaċċaw seba' każijiet li minnhom mietu sitta.

**28 ta' Ġunju - 4 ta' Lulju 1837**
Tkompli l-kolera. Matul din il-ġimgħa f'Birkirkara tfaċċaw 22 każ ġdid, mietu 15 u fiequ 2. (14)

**5 ta' Lulju - 11 ta' Lulju 1837**
Il-kolera kompliet tinfirex f'Birkirkara. Tfaċċaw 64 każ ġdid, mietu 24 u fiequ 32. (15)

**12 ta' Lulju - 18 ta' Lulju 1837**
Il-kolera kompliet tinfirex f'Birkirkara. F'din il-ġimgħa tfaċċaw 98 każ ġdid, mietu 39 u fiequ 15. (16) Matul din il-ġimgħa seħħew żewġ avvenimenti. Fis-17 ta' Lulju 1837, fost iċ-ċirkustanzi ta' dieqa li ġabet magħha l-kolera, il-vara titulari ta' Sant'Elena daħlet fil-Kolleġġjata Elenjana mingħajr solennita'(17) . L-għada, 18 ta' Lulju 1837, miet il-benefattur tal-vara Ċensu Borg Brared, benefattur kbir ta' Birkirkara f'diversi oqsma. (18)

**19-25 ta' Lulju 1837**
Għal Birkirkara din żgur kienet l-agħar ġimgħa. Tfaċċa 111 każ ġdid, mietu 46 u fiequ 26 . (19)

**26 ta' Lulju - 1 t'Awwissu 1837**
Il-kolera f'Birkirkara bdiet tnaqqas mill-intensita' tagħha. Il-każijiet il-ġodda niżlu bin-nofs, 54 mietu u fiequ 107. (20)

**2 t'Awwissu - 8 t'Awwissu 1837**
Il-kolera kompliet tnaqqas. F'dan il-ġimgħa tfaċċaw 22 każ ġdid, mietu 14, u fiequ 16. (21)

**9 - 15 t'Awwissu 1837**
Fil-ġimgħa ta' Santa Marija, il-każijiet ġodda komplew jonqsu għax niżlu għal 13, mietu 4 u fiequ 17. (22)

**16 - 22 t'Awwissu 1837**
Fil-ġimgħa tal-festa ta' Santa Liena il-każijiet ġodda niżlu għal 3, mietu 2 u fiequ 4. (23)

**23 - 29 t'Awwissu 1837**
F'din il-ġimgħa Birkirkara kellha biss każ wieħed ġdid, u segwiet biss mewta waħda u fiequ 2. (24)

**30 t'Awwissu - 5 ta' Settembru 1837**
F'din il-ġimgħa Birkirkara kellha wkoll każ wieħed ġdid biss. Ma miet ħadd u fieq wieħed (25).

Wara din il-ġimgħa, l-Gvern beda jippublika il-figuri globali. Tajjeb li ngħidu li bejn il-21 ta' Ġunju u l-5 ta' Settembru 1837 f'Birkirkara kien hemm b'kollox 396 bil-kolera, li minnhom mietu 173 (jiġifieri 43% tal-każijiet) u fiequ 147 (jiġifieri 37%). Dan jindika li sa dak iż-żmien kien għad fadal numru ta' każijiet li kineu għadhom ma fiequx.

Fiż-żmien kritiku tal-kolera, żmien ta' dieqa u niket kbir, fost is-saċerdoti li assistew dawk li ntlaqtu mill-kolera u ttrasportaw il-katavru tagħhom saċ-ċimiterju, kien hemm Dun Ġwann Maria Scicluna (26) li kien ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Frar 1834 (27) u Dun Feliċ Grech (28), li kien ġie ordnat saċerdot fl-1834 (29). L-imsemmi Dun Feliċ li serva wkoll bħala Kappillan tal-Kor u ċerimonier tal-Kapitlu (30) inħatar Kanonku tal-Kapitlu Elenjan fl-1837 (31)

Referenzi:


(1) W L Zammit, Il-mexxejja Maltin fil-Kungress Malti 1799-1800 (KKM 171) 1999, pp 22-27.
(2) A(rkivju) N(azzjonali) M(alti) CSG/04/4.
(3) M(alta) G(ovt) G(azette) 16.VIII.1839
(4) A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) PS/01/4 Gennaio 1813 Patenti spedito alle infrascritte persone per nomina di Sargenti del Magistrati do Polizia 30-1-1813.
(5) A.N.M. O'FARRELL PETITIONS 1847-1851 Vol II Petition of Pietro Paolo Borg M.D. of Birkirkara.
(6) Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
(7) A Ferris Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo (1866) p 321.
(8) A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili) Viżta Pastorali Mattei (1820) f 144R. Viżta Pastorali Sant 1848, f 177V, 178R A.K.A. Suppliche 1852, Vol II (ara wara f 342) AKA Recenti Collazioni dei canonicati di B'Kara 1859, 1906 f 66R, Atti Civili 1833-1834 ff 127V-128R, Suppliche 1850-1851 Vol II f 446R.
(9) A.K.A. CEM (1831-1847) R.O. 15 f 1R, 41V, 42R, 44R, 46R, 66R.
(10) A.K.A. Suplliche 1852, Vol 1 ara wara f 342.
(11) IBID ORDINATIONES SANT f 51V.
(12) IBID ATTI CIVILI 1833-34 ff 127V-128R.

(13) ID-DĦUL TAL-ISTATWA TA' SANT'ELENA FIL-KOLLEĠĠJATA, ġabra ta' Imħabba u l-Istorja Elenjana 1975, p 79.
(14) M(alta) G(ovt) G(azette), 28-VI-1837, p 233, 5-VII-1837 p 237.
(15) IBID 12-VII-1837, p 247.
(16) IBID 19-VII-1837 p 260.
(17) Id-Dħul tal-Istatwa, op cit pp 79, 80.
(18) W L Zammit, Il-Mexxejja Maltin, op cit p 27.
(19) M.G.G. 26-VII-1837 p 268
(20) IBID 2-VIII-1837, p 268.
(21) IBID 9-VIII-1837, p 283.
(22) IBID 16-VIII-1837, p 295
(23) IBID 23-VIII-1837, p 301.
(24) IBID 30-VIII-1837, p 312.
(25) IBID 6-IX-1837, p 320.
(26) A.N.M. Petitions le Marchant, Vol 29 (1862) No 7147.
(27) A.K.A. CEM R.O. 15 (1831-1847) ff 41V, 42R.
(28) A.N.M. Petitions Reid Vol 30, No 7216.
(29) A.K.A. CEM, R.O. 15 (1831-1847) f 42V.
(30) A.N.M. Petitions Reid Vol 30, No 7216.
(31) Ara l-istruzzjoni li hemm taħt il-kwadru tal-Kan Feliċ Grech (1810-1891) fl-Awla Kapitulari.